MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 39/2011

**Emidio Azzopardi**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Emidio Azzopardi, Karta tal-Identita' numru 78650(G) datat 17 ta' Awwissu 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti applika ghal *outline permit* sabiex iwettaq zvilupp fuq art proprjeta' tal-kumpanija tieghu fi Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex bir-riferenza PA5138/02.

Illi din l-applikazzjoni kienet giet approvata mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-14 ta' Ottubru 2005.

Illi iktar tard, dan il-permess kien gie revokat mill-istess Awtorita' b'ittra tal-4 ta' Ottubru 2007 fuq il-bazi li saret dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni relativa.

Illi l-esponenti intavola appell kontra dik id-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi bis-sentenza tieghu tat-28 ta' Lulju 2011, it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u tal-Ippjanar cahad l-appell tal-esponenti.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'dik is-sentenza u minnha qieghed jinterponi umili appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-aggravju huwa car u manifest, molteplici, u jikkonsisti fis-segwenti.

Fl-ewwel lok, fil-kaz odjern is-sentenzi li iccita t-Tribunal in sostenn tad-decizjoni tieghu ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi l-bazi tas-sentenza appellata hija dik li l-esponenti mela l'hekk imsejha 'Declaration of Ownership Form A' meta fil-fatt messu mela d-*"Declaration of Ownership Form B'* minhabba l-fatt li parti mill-art oggett tal-applikazzjoni ma kinitx proprjeta' tal-applikazzjoni izda rrizulta li hija proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Illi effettivament dak ir-ragunament huwa fallaci u superficjali u ma jiehux in kunsiderazzjoni l-fatt li l-maggjor parti mill-art oggett tal-applikazzjoni kienet in effetti proprjeta' tal-esponenti u mhux proprjeta' tal-Gvern ta' Malta.

Illi bl-istess ragunament tat-Tribunal, l-uniku dikjarazzjoni ta' proprjeta' li seta' jimla l-esponenti dwar dik il-parti mill-

art li effettivament kienet tieghu kienet id-*declaration of ownership* Form A.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz partikulari ma jistghux jigu applikati cjekament il-principji rizultanti mis-sentenzi ccitati mit-Tribunal peress li dawk is-sentenzi lkoll jittrattaw kazijiet fejn l-intier tal-art oggett tal-applikazzjoni ma kinitx tal-applikant. F'kazijiet bhal dawk, necessarjament kellha timtela d-*declaration of ownership* B u mhux A proprju ghaliex l-applikant irrizulta ma kellu ebda art li kienet tieghu.

Mentri ghall-kuntrarju l-esponenti kien korrett meta mela d-dikjarazzjoni Form A almenu dwar dik il-parti mill-art li kienet effettivament proprjeta' tieghu u dwar din il-parti ma hemm xejn irregolari la fl-applikazzjoni *per se* u lanqas fl-*outline permit* in segwitu ghal dik l-applikazzjoni.

Difatti ghalkemm it-Tribunal jirreferi għall-Avviż Legali Nru. 133/1992 bħala l-leġiżlazzjoni li tirregola l-forma li taħtha għandhom jiġu ntavolati l-applikazzjonijiet għall-permessi, tajjeb jiġi rrilevat li effettivament kull ma jgħid dak l-avviż huwa li "applikazzjoni għal permess ta' żvilupp issir lill-Awtorità fuq waħda mill-formuli kif, minn żmien għal żmien ikunu stampati u pprovduti mill-Awtorità skont in-natura ta' l-applikazzjoni u tal-iżvilupp propost li jsir". Huwa l-**artikolu 32 tal-Kap. 356** li jipprovdi x'formula għandha tintuża.

Is-**subartikolu (3) ta' dan l-artikolu** kien jipprovdi li*: "an applicant for development permission shall certify to the Authority that he is the owner of the site* ***or*** *that he has notified the owner of his intention to apply by registered letter of which a copy has been received by the Authority".*

Min-naħa, skont dan l-artikolu ma huwiex possibbli lil applikant, fejn il-maġġor parti tal-art milquta bl-applikazzjoni tappartjeni lilu, li huwa jiffirma ż-żewġ alternattivi pprovduti fuq l-applikazzjoni. Huwa loġiku li f'każ fejn il-perċentwali stragrande mill-art hija proprjetà tal-applikant, dan juża l-ewwel u mhux it-tieni alternattiva. U min-naħa oħra, fejn, bħal fil-każ odjern huwa faċli li l-art

proprjetà tal-applikant tiġi ndividwalizzata u separata mill-art li ma hijiex proprjetà tal-applikant, allura in kwantu tirreferi għall-art proprjetà tal-applikant, dik l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala valida, u titħassar biss u esklużivament għall-parti li eventwalment tirriżulta li ma hijiex proprjetà tiegħu.

Fit-tieni lok, il-percentwali mill-art li effettivament ma hijiex proprjeta' tal-esponenti tant huwa zghir li huwa kwazi ta' ebda rilevanza ghall-kunsiderazzjoni ta' jekk l-applikazzjoni kinitx timmerita li tigi michuda jew milqugha.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rrilevat ukoll li l-art oggett tal-applikazzjoni fiha kejl enormi ta' ħamsa u erbgħin elf u tnejn u erbgħin metri kwadri (45042m.k.), u minn dak il-kejl kollu hija biss parti relativament ferm zghira li ma kinitx proprjeta' tieghu – precizament madwar elf mitejn u sittin metri kwadri (1260m.k.) ossia madwar 2.8% (tnejn punt tmienja fil-mija) mill-kejl globali tal-art kolpita bl-applikazzjoni, ossia percentwali. Sabiex inpoggu din il-figura fil-perspettiva gusta, fir-rigward ta' *plot* tal-bini normali (ta' kejl ta' 180 metri kwadri), 2.8% jissarrfu f'appena 5 metri kwadri. Sa issa qatt ma kien hemm lanqas kaz wiehed fejn applikazzjoni ghal permess tal-bini giet iddikjarata nulla ghaliex kien hemm *overlap* bejn is-sit muri fuq is-*site plan relative* u proprjeta' ta' terzi ta' 2.8%.

Fit-tielet lok, it-Tribunal naqas milli jikkunsidra d-differenzi li jitnisslu mil-liġi stess bejn *outline* u *full application*.

Difatti, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, dak kollu suespost jakkwista rilevanza ikbar meta wiehed izomm quddiem ghajnejh li hawn si tratta min *outline development permit appliction* u mhux *full development permit application*. Fl-ewwel tip ta' applikazzjoni, ikun hemm diversi materji li l-kunsiderazzjoni taghhom tigi rizervata ghall-istadju li fih tigi intavolata *full development permit application.*

Hekk fil-kaz odjern insibu li l-permess rilaxxjat favur l-esponenti jghid espressament:

*"1 a) ……the following reserved matters still requires approval by the Malta Environment and Planning Authority as part of a full development application: design, external appearance of the proposed buildings; and landscaping of the site. Details of these reserved matters should be submitted for the approval of the Malta Development and Planning Authority within five years of the date of this permission".*

*Il-paragrafu 1 tal-permess ikompli jithaddet fuq id-dettalji li jridu jigu sottomessi fil-"full Development Permit Application" u fis-subparagrafu d isemmi specifikament "the site boundary":*

*"d) the detailed site layout should show (at 1:200 scale) site levels, land uses, all buildings and structures, roads, footpaths, public access arrangements, car parking areas and the site boundary".*

Mentri s-sub-paragrafu (h) jgħid espressament li:

*"This outline development permission does not remove or replace the need to obtain the consent of the land/building owner to this development before it is carried out. Furthermore, it does not imply that consent will necessarily be forthcoming nor does it bind the land/building owner to agree to this development. Where the land/building is owned or administered by the Government of Malta a specific clearance and agreement must be obtained for this development from the Land and/or Estate Management Departments".*

Fid-dawl ta' riżerva daqstant espliċita, ikun kompletament illoġiku li l-applikazzjoni *de quo* tiġi annullata sempliċement u esklużivament għaliex perċentwali eżigwa mill-art kolpita bl-applikazzjoni rriżultat li hija proprjetà tal-Gvern ta' Malta.

Dan l-argument ikompli jakkwista iktar rilevanza meta wieħed jikkunsidra li fl-ittra tagħha tat-28 ta' Settembru 2008, l-Awtorità nnifisha rrikonoxxiet li l-esponenti huwa l-proprjetarju tal-maġġoranza stragrande tal-art kolpita bl-

applikazzjoni, u bbażat id-deċiżjoni tagħha li tirrevoka l-permess għaliex, skont hi "the applicant wrongly declared that he is the sole owner of the site in question". Jekk wieħed irid jaddotta l-formaliżmu strett li l-Awtorità trid timponi fuq l-applikant, għandu jingħad li din il-bażi hija skorretta. Imkien fil-formoli, A jew B, li l-Awtorità teżiġi li l-applikant jiffirma waħda minnhom, ma hemm indikat li l-applikant qiegħed jiddikjara li huwa "the sole owner", "co-owner", jew "partial owner" jew "owner of part and not an owner of the other part". L-applikant huwa mogħti biss żewġ għażliet: jew li jiddikjara li huwa "owner" jew jinnotifika lill-"owner" b'ittra rreġistrata. U dan jerġa' jwassalna għall-punt espost fuq – x'għandu jagħmel l-applikant, u x'ser jagħmel, meta huwa l-proprjetarji uniku tal-maġġoranza kbira tal-art oġġett tal-permess? Għaliex kull waħda miż-żewġ alternattivi hija f'dak il-każ parzjalment korretta u parzjalment skorretta. L-applikant ma għandux jiġi ppenalizzat b'mod daqstant drastiku li jkollu l-intier tal-applikazzjoni tiegħu annullata, u l-permess eventwalment maħruġ in segwitu għal dik l-applikazzjoni revokat, jekk huwa jagħżel dik l-alternattiva li hija l-eqreb lejn il-verità.

Fil-fehma tal-esponenti, il-fatt li dan mhux każ ta' komproprjetà jkompli jimmilita kontra r-revoka tal-permess rigward l-intier tal-art oġġett tal-applikazzzjoni. F'każ ta' komproprjetà, jista' jiġi argumentat li l-komproprjetarju li mhux l-applikant għandu parti mill-art kollha u għalhekk il-konsegwenzi tal-iskorrettezza jilqtu l-art kollha. Għall-kuntrarju hawnhekk si tratta minn territorju kbir. L-esponenti huwa proprjetarju esklużiv ta' partijiet disġunti u separati minn dak it-territorju. Hija biss it-triq li illum hemm irreġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta li mhix proprjetà tal-esponenti. U kif intqal fuq, din l-art tokkupa appena 2.8% mis-superfiċje totali tal-art oġġett tal-applikazzjoni. Dan ifisser li l-konsegwenzi u s-sanzjonijiet marbuta mal-iskorrettezza fid-dikjarazzjoni jistgħu, u għandhom, jiġu limitati għal dik l-art partikolari u mhux għall-intier tal-art oġġett tal-applikazzjoni.

Fir-raba' lok, għandu jissemma' ukoll il-fatt li fil-mument li l-esponenti beda l-preparamenti sabiex jintavola l-

applikazzjoni tiegħu, lanqas il-Gvern stess ma kien jaf li l-art hija tiegħu. Jirriżulta in effetti li d-Dipartiment tal-Artijiet irreġistra din l-art bħala formanti parti mid-demanju pubbliku biss xhur wara li l-esponenti akkwista l-art tiegħu; u kważi kontemporanjament mal-intavolar ta' din l-applikazzjoni.

Fl-aħħarnett, l-esponenti jissottometti li fil-verità, l-art li rriżulta li hija tal-Gvern ta' Malta ser tibqa' kważi fl-intier tagħha mhix nkorporata fil-bini ta' xi waħda jew iktar mill-villel li l-esponenti qed jipproponi; u fejn l-*footprint* ta' xi villa partikolari jintralċja fuq l-art tal-Gvern, hija parti żgħira ħafna minn dik il-villa li tidħol fuq l-art pubblika. Dan il-fatt jagħmilha iktar u iktar faċli sabiex il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' korrettezza fid-dikjarazzjoni, jew verament għandu jkun hemm xi konsegwenzi simili, jiġu limitati għall-art li effettivament irriżultat li mhix proprjetà esklużiva tal-esponenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti – filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gia` prodotti quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u ghan-noti minnu pprezentati u jirrizerva d-dritt illi jipproduci provi ulterjuri skont il-ligi – jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar moghtija nhar il-Hamis, tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 2011 fl-ismijiet premessi u minflok tirreintegra l-permess (*outline development permit)* maħruġ lilu fl-14 ta' Ottubru 2005 billi tiddikjara li t-terminu tal-validità ta' dak il-permess għandu jiġi estiż b'daqstant mill-perjodu oriġinali ta' ħames snin li kien fadal sabiex jiddekorru meta (fl-4 ta' Ottubru 2007) ittieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità appellata li dan il-permess jiġi revokat; u sussidjarjament billi tillimita l-effetti tar-revoka ta' dan il-permess għal dik il-parti mill-art oġġett tal-applikazzjoni oriġinali li effettivament irriżultat li ma hijiex proprjetà tal-esponenti.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-Awtorità intimata.

Rat li dan l-appell kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Frar 2004.

Rat ir-rikors ta' Emidio Azzopardi datata 31 ta' Ottubru 2011 a fol 13 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirrikjama din il-kawza ghall-24 ta' Jannar 2012; u l-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat l-appell ghall-24 ta' Jannar 2012 kif jidher bid-digriet moghti fl-1 ta' Novembru 2011 (fol 14).

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2011 a fol 16 tal-process, li permezz taghha esebiet *animo ritirandi* l-*file* tat-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet "**Emidio Azzopardi vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta' Jannar 2012 a fol 17 tal-process fejn eccepiet: -

Illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ikkonkluda li ma saritx id-dikjarazzjoni mehtiega *da parte* tal-applikant relattivament ghar-rigward ta' min hu sid l-art mertu tal-istess applikazzjoni.

Illi l-ebda mill-aggravji tal-appellant ma jindika li din id-dikjarazzjoni mehtiega fil-fatt saret u ghalhekk, u ghalhekk il-punti kollha minnu mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti huma, bir-rispett kollu, irrilevanti.

It-Tribunal kien car fid-decizjoni tieghu fis-sens li hemm zewg tipi ta' dikjarazzjoni li kienu mehtiega li jsiru dak iz-zmien li dahlet l-applikazzjoni odjerna, u cioe' jew wahda fejn jigi ddikjarat li l-applikant huwa sid l-art kollha mertu ta' l-istess applikazzjoni jew inkella dikjarazzjoni ohra li huwa m'huwiex sid l-art kollha. Il-punt kollu li dwaru kellu jiddeciedi, u fil-fatt iddecieda, t-Tribunal huwa, fl-ewwel lok, jekk l-applikant kienx sid l-art kollha u fit-tieni lok, jekk ghamilx id-dikjarazzjoni relattiva. F'dan il-kaz irrizulta li l-applikant ma kienx sid l-art kollha pero' mbaghad iddikjara li hu s-sid ta' l-art kollha.

Illi ghalhekk, l-aggravji kollha mressqa mill-appellant u kwindi: (i) li l-applikant kien is-sid tal-maggior parti ta’ l-art; (ii) li l-parti li ma kienx is-sid taghha hija minima; (iii) li s-sid ta’ din il-parti minima (f’dan il-kaz il-Gvern) ma kienx jaf li hu s-sid ta’ dik l-art; (iv) u li din il-parti ta’ l-art (ghalkemm parti mill-applikazzjoni) m’huwiex se jsir zvilupp fuqha; huma kollha irrilevanti.

Dak li hu rilevanti hu li l-applikant kien konxju li m’huwiex is-sid tal-art kollha mertu tal-applikazzjoni pero’ fil-fatt iddikjara li hu.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 28 ta’ Lulju 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fit-28 ta’ Lulju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ Jannar 2112 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Carmelo Galea ghall-appellant prezenti, u Dr. Ian Vella Galea u Ivor Robinich ghall-awtorita` appellata. Dr. Galea talab l-allegazzjoni tal-process 320/07 PA 07902/05 u dan sabiex il-Qorti tkun tista’ tara lu fuq l-art li hi tal-gvern, effettivament qatt ma kien intiz li jsir xi bini, hlief ghall-kantuniera ta’ villa wahda. Dr. Ian Vella Galea ghalkemm ma jarax ir-relevanza irrimetta ruhu. Il-Qorti ordnat li tali process jigi allegat ukoll, *animo ritirandi*. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-30 ta’ Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li la darba l-appellant huwa s-sid tal-bicca l-kbira tal-art li fuqha saret l-

applikazzjoni ta' zvilupp mela allura kien korrett li uza d-*Declaration of Ownership Form A* ghaliex huwa fil-fatt is-sid; u fil-fatt dan jista' jigi mistharreg fil-kors tal-applikazzjoni ta' *full development permit* tenut kont li din kienet biss applikazzjoni *outline* li thalli riservat f'sub paragrafu (h) il-htiega li s-sid jaghti l-kunsens tieghu sabiex issir l-istess zvilupp.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi u jirrizulta li d-decizjoni tal-Bord tal-MEPA kienet inhadet abbazi tal-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** li biha gie irtirat *l-outline development permit* mertu ta' dan l-appell u dan peress li rrizulta li l-applikant ma' kienx is-sid tal-art, izda parti mill-art kienet proprjeta' tal-Gvern.

Illi bhala fatt dan huwa minnu, li l-estensjoni tal-proprjeta' tal-Gvern hija wahda zghira meta komparata ma' l-art li hija proprjeta' tal-applikant. Izda xorta jibqa' l-fatt, li allura kien hemm sid iehor tal-art proposta ghall-istess zvilupp li ma kienx indikat bhala tali fil-formula sottomessa mill-appellant tant li l-appellanti ndika li huwa sid tal-istess art, u effettivament li huwa l-unika sid tal-istess art, dikjarazzjoni, li bir-rispett kollha, jghid x'ghid l-appellant ma hijiex dikjarazzjoni koretta.

Illi kien ghalhekk li l-Awtorita' procediet abbazi tal-**artikolu 39 A** peress li kien l-kweziti necessarji sabiex jigi applikat l-istess artikolu ghaliex certament kien hemm mill-inqas informazzjoni mhux korretta meta giet ezaminata l-istess applikazzjoni u dan jaqa' fit-termini tal-istess artikolu. Jekk jinstab dan jirrizulta li l-Awtorita' ghandha l-poter li tirrevoka jew tibdel il-permess u allura ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-istess Awtorita' agixxiet fil-limiti tal-poteri taghha.

Illi in kwantu dan kollu jaffetwa s-sustanza tal-appell tal-appellant jinghad li skond l-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356** min japplika ghal permess ta' zvilupp ghandu jiccertifika lill-Awtorita' li huwa s-sid ta' l-art jew javza lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra registrata li l-Awtorita' tkun irceviet kopja taghha. Dan japplika kemm ghal *outline* jew

*full development permit* ghaliex il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni.

Illi dan ifisser li fid-dikjarazzjoni li ghamel fejn l-appellant indika lilu nnifsu bhala sid unika din ma kenitx korretta, ghaliex fil-verita' ma huwiex l-unika sid; kien allura jehtieg skond l-imsemmi artikolu li jibghat l-ittra registrata hemm imsemmija, haga li ma ghamilx u ghalhekk kienet korretta d-decizjoni tat-Tribunal f'dan il-kuntest li l-appellant ma segwiex il-Ligi.

Illi fil-verita' l-appellant mhux biss uza l-formula mhux korretta skond dak mahrug fl-**Avviz Legali 133 ta' l-1992**, izda fil-verita' ma osservax id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356** ghaliex la darba huwa ma kienx is-sid tal-art kollhu mertu tal-izvilupp, l-istess applikazzjoni tieghu u l-formula sottomessa kellha tkun akkumpanjata bl-ittra registrata hemm rikjesta li kienet allura tindika li l-art in kwistjoni, anke jekk in parti ma hijiex kollha proprjeta' tas-sid, u allura l-ko-proprjetarju jew sid iehor kien qed jinghata avviz ta' dak li kien qed jigi propost bhala zvilupp fuq l-istess art, skond kif il-Ligi tassativament timponi.

Illi la darba dan huwa l-kaz dak kollu li qed jigi sottomess mill-appellanti huwa rrelevaniti ghaliex attwalment l-appellant ma osservax il-Ligi u ma kienx korrett fid-dikjarazzjoni tieghu.

Illi huwa pertinenti li t-Tribunal ghar-Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar irrefera ghas-sentenza fl-ismijiet **"Emanuel Grima vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilipp"** (A.C. – 15 ta' Lulju 2002) u hawn l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li meta jkun hemm provediment li jipprovdi bhala procedura u sostanza dak li ghandhu jsir b'mod espress, kif hemm f'dan il-kaz ta' l-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356**, dan ghandhu jigi osservat.

Illi jinghad ukoll li meta jkun gurisprudenza konstanti l-istess gurisprudenza fuq punt partikolari din ghandha tigi segwita, u mhux kompromessa b'decizjonijiet kontrarji minn Bordijiet jew organi kwazi gudizzjarji, iktar u iktar u

hafna u hafna aghar minn hekk, meta din l-istess gurisprudenza tal-Qorti tigi njorata mill-istess Bord innifsu, minghajr lanqas biss ma ssir riferenza ghaliha.

Illi l-posizzjoni hija anke iktar serja min hekk meta tinghata decizjoni minn tali Bord fuq l-istess punti legali kontrarjament ghal dak deciz u affermat f'gurisprudenza konstanti u dan anke minghajr ma' ebda motivazzjoni ta' xejn.

Illi l-gurisprudenza f'dan il-kaz partikolari hija konstanti fis-sens li tali disposizzjoni tal-ligi u cjoe' l-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356** hija wahda cara u espressa li timponi kwezit essenzjali intiz mhux biss biex jipprotegi s-serjeta' tal-proceduri, izda wkoll rekwizit li huwa intiz biex jipprotegi l-interessi ta' kull min seta' jkun involut u affetwat bl-applikazzjoni ghal permess mitlub mill-applikant. Tal-istess portata huma s-sentenzi **"Saviour Falzon vs Chairmane tal-Awtorita' tal-Ippjanar"** (A.C. – 13 ta' Mejju 1996) u **"Michael Abela vs Kummissjoni ghal Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 11 ta' Mejju 1998).

Illi ovvjament din il-Qorti taqbel ma' dawn l-insenjamenti u allura qed tapplikahom, kif dejjem applikathom u hekk qed taghmel ghall-kaz in ezami, u dan dejjem skond is-Saltna tad-Dritt li tistenna u tesigi, li l-istess insenjamenti u l-Ligi jigu segwiti minn kull persuna u minn kull organu li ghandhu d-dover u d-dritt li japplika l-Ligi.

Illi fl-ahharnett jinghad li s-sottomissjoni tal-appellant ibbazata fuq dak li jipprovdi s-sub-paragrafu (h) tal-permess rilaxxat (u bid-decizjoni revokata) m'ghandu xejn x'jaqsam mal-provediment tal-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356.** Dan ghaliex din il-kundizzjoni tirreferi ghall htiega jkun hemm il-kunsens da parti tas-sid li fih ikun ser isir l-izvilupp, minkejja l-hrug ta' permess.

Illi dan huwa differenti u fil-verita' ma ghandu x'jaqsam xejn ma' dak rikjest fl-**artikolu 32 (3) tal-Kap. 356,** ghaliex dan l-artikolu jittratta fuq dikjarazzjoni li ghandhu jaghmel is-sid, u biex jigu notifikati bil-mod preskritt sid jew sidien tal-istess art mertu tal-applikazzjoni. Hawn l-permess qed

jitkellem dwar l-kunsens li jrid jinghata mis-sid, anke jekk ikun il-Gvern ghal tali zvilupp u li allura l-permess moghti, ikun ta’ liema natura jkun, ma jkunx ovvjament qed jaffetwa l-istess.

Illi b’hekk l-appell qed jigi michud ghaliex infondat fil-fatt u fid-dritt.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ r-risposta’ tal-Awtorita’ appellata datata 23 ta’ Jannar 2012 biss in kwantu l-istess hija konformi ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Emidio Azzopardi fir-rikors tal-appell tieghu datat 17 ta’ Awissu 2011** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi b’dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal ta Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **“Emidio Azzopardi vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” (Appell Numru 312/07 CF – PA 5138/02) datata 28 ta’ Lulju 2011.**

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Emidio Azzopardi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------